# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**ONOR. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A., LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 10**

**Avviz Nru. 1092/98 DM**

**Socjeta' Citadel Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Rosette Micallef sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Lina Borg**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fl-1 ta' Dicembru, 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza li hi identika ghal sentenza f'kawza ohra moghtija dwar l-istess incident stradali mill-istess Qorti f'kawza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Ltd. noe et - vs. - Rosette Micallef" (Avviz Nru. 1247/98 DM)

“Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u hames centezmi (Lm195.05) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incidenti awtomobilistiku tal-20 ta' Dicmebru 1996 f'Notabile Road, kantuniera ma' Mdina Road, H'Attard bejn il-vettura numru B-2020(M) misjuqa mill-konvenuta u l-karrozza numru I-0431(M) misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurat Rosette Micallef, prevja dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Lina Borg fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici kif dedotti fl-Avviz prezenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici, stante illi l-incident de quo sehh minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurata tas-socjeta attrici Rosette Micallef, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-8 ta' April 1999 fejn l-partijiet qablu illi l-provi kollha ser jingabru fl-Avviz numru 1247/98 fl-ismijiet “Fogg Insurance Agencies Limited noe. et - vs - Rosette Micallef”, deciza illum stess, jitqiesu bhala provi f'din il-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' April 1999 u tal-25 ta Mejju 2000 fejn il-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhom ebda kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni izda l-kontestazzjoni tirrigwarda biss dwar ir-responsabbilita.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi oltre l-isketch u rapport ipprezentati mill-ufficjal li nvestiga l-kaz, il-provi jikkonsistu esklussivament fuq id-deposizzjonijiet tas-sewwieqa, Lina Borg u Rosette Micallef.

Jirrizulta li qabel ma sbokkaw f'Notabile Road, Borg kienet qed issegwi lil Micallef go Triq l-Imdina, Balzan, izda Micallef ghazlet li zzomm xi ftit fuq il-lemin ta' Mdina Road tant li Borg setghet taghzel trajettorja fuq ix-xellug taghha.

Waqt li Micallef tallega li Borg waslet fuq ix-xellug taghha meta kienet diga qed tipprocedi ghal go Notabile Road, Borg issostni li kienu effettivament wieqfin hdejn xulxin qabel ma saret il-habta.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet tidher li hija iktar verosimili dik ta' Lina Borg billi l-istess Micallef tammetti li din kienet qed issuq warajha, tiddikjara li waqfet ukoll fuq li-'Stop Sign" u ghalhekk huwa aspettat li, f'dak il-mument li Micallef  bdiet tieqaf u waqfet, Borg hadet il-pozizzjoni taghha fl-ispazju mholli minn Micallef fuq ix-xellug tat-triq.

Ghalhekk kien obbligu ta' Micallef li, qabel ma tibda il-manuvra biex tidhol f'Notabile Road, hija tesplora mhux biss it-triq fuq il-lemin taghha izda anke fuq ix-xellug fejn fil-fatt kienet il-vettura misjuqa minn Borg.  Konsegwentement, billi d-direzzjoni li riedet tmur fiha kienet l-istess wahda ta' Borg, u billi spiccat f'pozizzjoni ta' sorpass rispettivament ghall-vettura misjuqa minn Borg, hija kellha taghti d-dritta lil Borg *li kienet fit-trajettorja gusta ghal min ried jipprocedi matul Notabile Road.*

Infatti il-manuvra ta' Micallef  biex tisbokka go Notabile Road ma kienetx wahda regolari. Mdina Road hija ta' wisa bizzejjed biex tippermetti zewg linji ta' traffiku fl-istess direzzjoni, izda ir-regolamenti tat-traffiku jimponu obbligu lis-sewwieq biex izomm fuq ix-xellug tat-triq.

Ma giex spjegat ghaliex Micallef ghazlet li titlaq lejn il-lemin ta' Mdina Road meta fil-fatt riedet iddur fuq ix-xellug u tkompli tipprocedi fuq ix-xellug ta' Notabile Road. Il-manuvra li ghazlet

kienet indikattiva ta' sewwieq li ried fil-fatt jaqsam Notabile Road u ma riedx jostakola lil min ried jidhol u jipprosegwi f' Notabile Road .

Ghal dawn il-motivi ssib li kienet biss Rosette Micallef li hija responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-mertu ta' din il-kawza hu r-responsabilita' ta' l-incident stradali li gara fl-20 ta' Dicembru, 1996, f'Notabile Road li fih kienu nvoluti vettura misjuqa minn Rosette Micallef assigurata mas-socjeta' attrici u vettura ohra misjuqa minn Lina Borg assigurata mas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Ltd. nomine. Dan il-mertu gie gia deciz minn din il-Qorti f'sentenza ohra moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Ltd. nomine – vs – Rosette Micallef" (Avviz 1247/98 DM) li fiha gie dikjarat illi l-incident awtomobilistiku taht ezami kien gara unikament htija ta' negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Rosette Micallef. It-talba attrici f'din il-kawza allura kienet insostenibbli u s-sentenza appellata li konsegwentement cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine kient gusta u giet konfermata.

Dana ghall-istess motivazzjoni li din il-Qorti kkonsidrat fil-kawza l-ohra ma'  din kontestwalment trattata u deciza li kellha titqies li mutatis mutandis tifforma parti integrali minn din is-sentenza u li ghaliha qed issir pjena riferenza.

Ghal dawn il-motivi dan l-appell qed jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti

Dep/Reg

mm